Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba’ Awla)

17 ta’ Novembru 2022*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Telekomunikazzjonijiet– Direttiva 2002/19/KE (Direttiva tal-Aċċess) – Artikolu 8(3) – Direttiva 2014/61/UE – Artikolu 1(3) u (4) u Artikolu 3(5) – Setgħa tal-awtorità regolatorja nazzjonali li timponi kundizzjonijiet regolatorji *ex ante* relatati mal-aċċess għall-infrastruttura fiżika ta’ operatur tan-network li ma jkollux setgħa sinjifikattiva fis-suq – Assenza ta’ tilwima dwar l-aċċess”

Fil-Kawża C-243/21,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta’ Varsavja, il-Polonja), permezz ta’ deċiżjoni tas-6 ta’ April 2021, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta’ April 2021, fil-proċedura

**TOYA sp. z o.o.,**

**Polska Izba Informatyki i Telekomunikacji**

vs

**Prezes Urzędu Komunikacji Elektronicznej,**

fil-preżenza ta’:

**Polska Izba Komunikacji Elektronicznej,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba’ Awla),

komposta minn C. Lycourgos, President tal-Awla, L. S. Rossi, J.-C. Bonichot, S. Rodin, O. Spineanu-Matei (Relatriċi), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. M. Collins,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal TOYA sp. z o.o., minn M. Jankowski, adwokat,

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

– għall-Prezes Urzędu Komunikacji Elektronicznej, minn M. Kołtoński, radca prawny,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

– għall-Gvern Elleniku, minn Z. Chatzipavlou, M. Tassopoulou u D. Tsagkaraki, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn S. L. Kalėda u L. Malferrari, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 2022,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva ta' l-Aċċess) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 323), kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 37, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 8) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva tal-Aċċess"), moqri flimkien mal-Artikolu 1(3) u (4), u l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2014/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja (ĠU 2014, L 155, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn TOYA sp. z o.o. u Polska Izba Informatyki i Telekomunikacji (il-Kamra Pollakka tat-Teknoloġija tal-Informatika u t-Telekomunikazzjonijiet, il-Polonja), mal-Prezes Urzędu Komunikacji Elektronicznej (il-President tal-Uffiċċju tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, il-Polonja) (iktar 'il quddiem il-"President tal-UKE") dwar id-deċiżjoni meħuda minn dan tal-aħħar, fil-11 ta' Settembru 2018, li timponi fuq TOYA kundizzjonijiet regolatorji *ex ante* li jirregolaw it-termini u l-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-infrastruttura fiżika tagħha (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

*Id-Direttiva tal-Aċċess*

3 L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Aċċess, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni u miri", kien ifformulat kif ġej:

"Fi ħdan il-qafas stipulat fid-Direttiva 2002/21/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349)], din id-Direttiva tarmonizza l-mod li bih l-Istati Membri jirregolaw l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ma', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati. L-għan huwa li jiġi stabbilit qafas regolatorju, skond il-prinċipji tas-suq intern, għar-relazzjonijiet bejn il-fornituri ta' networks u

servizzi li ser jirriżultaw f'kompetizzjoni sostenibbli, interoperabilità ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u benefiċċji għall-konsumatur."

4 L-Artikolu 5(1) u (3) tad-Direttiva tal-Aċċess, intitolat "Setgħat u responsabbiltajiet ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fir-rigward ta' aċċess u interkonnessjoni", kien jipprevedi:

"1. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom, waqt li jaġixxu biex jilħqu l-għanijet stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Qafas), iħeġġu u fejn xieraq jiżguraw, skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, aċċess u interkonnessjoni adegwati, u interoperabbiltà ta' servizzi, waqt li jeżerċitaw ir-responsabbiltà tagħhom b'mod li jippromwovi l-effiċjenza, il-kompetizzjoni sostenibbli, investiment u innovazzjoni effiċjenti, u jagħtu l-benefiċċju massimu lill-utenti finali.

B'mod partikolari, mingħajr preġudizzju għall-miżuri li jistgħu jittieħdu fir-rigward ta' impriżi b'saħħa sinjifikanti fis-suq skond Artikolu 8, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom ikunu jistgħu jimponu:

(a) sal-limitu li huwa meħtieġ biex tiġ żgurata konnettività tarf sa tarf, obbligi fuq l-impriżi li jikkontrollaw l-aċċess għall-utenti finali, inkluż f'każi ġustifikati l-obbligazzjoni li jagħmlu interkonnessjoni tar-network tagħhom fejn dan ma jkunx diġà l-każ;

(ab) f'każijiet iġġustifikati u sal-punt li jkun neċessarju, obbligi għall-impriżi li jikkontrollaw l-aċċess għall-utenti aħħara biex jagħmlu s-servizzi tagħhom interoperabbli;

(b) sal-limitu li huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-aċċessibilità għall-utenti finali għall-servizzi tar-radju diġitali u x-xandir tat-televiżjoni speċifikati mill-Istat Membru, obbligi fuq l-operaturi li jipprovdu aċċess għall-faċilitajiet l-oħra msemmija f'Anness I, Taqsima II dwar kondizzjonijiet ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji.

[...]

3. Fir-rigward tal-aċċess u l-interkonnessjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità regolatorja nazzjonali jkollha s-setgħa li tintervjeni fuq l-inizjattiva tagħha stess fejn ġustifikat sabiex jiġu żgurati l-għanijiet tal-linji politiċi tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Qafas), skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u l-proċeduri msemmija fl-Artikoli 6 u 7, 20 u 21 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Qafas)."

5 L-Artikolu 8(1) sa (3) tad-Direttiva Aċċess, bit-titolu "Impożizzjoni, emendar jew irtirar ta' l-obbligi", kien jiddisponi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkollhom is-setgħa li jimponu l-obbligi identifikati fl-Artikoli 9 sa 13a.

2. Fejn operatur huwa identifikat bħala li jkollu saħħa tas-suq sinjifikanti f'suq speċifiku bħala riżultat ta' l-analiżi tas-suq imwettaq skond Artikolu 16 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru), l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jimponu l-obbligi stipulati f'Artikoli 9 sa 13 ta' din id-Direttiva kif xieraq.

3. Mingħajr preġudizzju għal:

– d-dispożizzjonijiet ta’ Artikoli 5(1) u 6,

– d-dispożizzjonijiet ta’ Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru), Kondizzjoni 7 fit-Taqsima B ta’ l-Anness li jinsab mad-Direttiva 2002/20/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta’ networks u servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta’ Awtorizzazzjoni) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 337] kif applikata bis-saħħa ta’ Artikolu 6(1) ta’ dik id-Direttiva, Artikoli 27, 28 u 30 tad-Direttiva 2002/22/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet ta’ l-utenti li jirrelataw ma’ networks u servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 367)]
u dispożizzjonijiet relevanti tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514)] li fiha obbligi fuq imprizi li ma jkunux dawk identifikati bħala li għandhom saħħa tas-suq sinjifikanti, jew

– l-ħtieġa ta’ konformità ma’ obbligi nternazzjonali,

l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali m’għandhomx jimponu l-obbligi imniżżla f’Artikoli 9 sa 13 fuq operaturi li ma jkunux ġew identifikati skond il-paragrafu 2.

[…]”

*Id-Direttiva Qafas*

6 L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/21, kif emendata bid-Direttiva 2009/140 (iktar ’il quddiem id-“Direttiva Qafas”), intitolat “Miri politiċi u prinċipji regolatorji”, kien jipprevedi:

“1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li fit-twettieq tax-xogħlijiet regolatorji speċifikati f’din id-Direttiva u fid-Direttivi Speċifiċi, l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa li huma mmirati lejn il-ksib tal-miri stipulati fil-paragrafi 2, 3 u 4. Dawk il-miżuri għandhom ikunu proporzjonati ma’ dawk il-miri.

[…]

2. L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom jippromwovu l-kompetizzjoni fil-provista tan-networks ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi, servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati u servizzi […]

[…]

3. L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-suq intern […]

[…]

4. L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom jippromwovu l-interessi taċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea […]

[…]

5. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom, fis-segwitu tal-għanijiet politiċi msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4, japplikaw prinċipji regolatorji oġġettivi, trasparenti, non-diskriminatorji u proporzjonati […]

[…]"

7 L-Artikolu 12 tad-Direttiva Qafas, intitolat "Il-ko-lokazzjoni u l-użu komuni ta' elementi tan-network u faċilitajiet assoċjati għall-fornituri tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika", jistabbilixxi:

"1. Meta l-impriża li tipprovdi n-netwerks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi jkollha d-dritt skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tistalla l-faċilitajiet fuq, minn fuq jew taħt proprjetà pubblika jew privata, jew tkun tista' tieħu vantaġġ mill-proċedura għall-esproprjazzjoni jew użu ta' proprjetà, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom, filwaqt li jqisu bis-sħiħ il-prinċipju tal-proporzjonalità, ikunu jistgħu jimponu l-użu komuni ta' dawn il-faċilitajiet jew din il-proprjetà, inklużi l-binjiet, id-dħul fil-bini, is-sistema tal-wajers fil-bini, l-arbli, l-antenni, it-torrijiet u kostruzzjonijiet oħra ta' appoġġ, it-tubi, il-kondjuwits, it-toqob, l-kaxxi tal-ispezzjonar.

2. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu lid-detenturi tad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jikkondividu l-faċilitajiet jew il-proprjetà (inkluża l-ko-lokazzjoni fiżika) jew jieħdu l-miżuri biex jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tax-xogħlijiet pubbliċi sabiex ikunu protetti l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-sigurtà pubblika jew biex jissodisfaw l-għanijet tal-ippjanar tal-ibliet u l-kampanja u biss wara perijodu xieraq ta' konsultazzjoni pubblika, li matulu l-partijiet kollha interessati għandhom jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom. Dan l-użu komuni jew dawn l-arranġamenti ta' koordinazzjoni jistgħu jinkludu r-regoli dwar it-tqassim tal-ispejjeż tal-użu komuni tal-faċilitajiet jew proprjetà.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali, wara perjodu xieraq ta' konsultazzjoni pubblika li waqtu l-partijiet kollha interessati jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom, ikollhom ukoll is-setgħa li jimponu l-obbligi għall-qsim tal-wiring fil-bini jew sal-ewwel punt ta' konċentrazzjoni jew distribuzzjoni fejn dan ikun jinsab barra mill-bini, fuq id-detenturi tad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u/jew fuq is-sid ta' tali wiring, fejn dan ikun iġġustifikat mill-fatt li d-duplikazzjoni ta' infrastruttura tali ikun ekonomikament ineffiċjenti jew fiżikament imprattikabbli. Dan l-użu komuni jew arranġamenti ta' koordinazzjoni jistgħu jinkludu r-regoli dwar it-tqassim tal-ispejjeż tal-użu komuni tal-faċilitajiet jew proprjetà, aġġustati għarr-iskju fejn ikun xieraq.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jistgħu jirrikjedu lill-impriżi li jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa, jekk mitluba mill-awtoritajiet kompetenti, sabiex dawn l-awtoritajiet, flimkien mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, ikunu jistgħu jistabbilixxu inventorju dettaljat tan-natura, disponibbiltà u lokazzjoni ġeografika tal-faċilitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 u jagħmluh disponibbli lil partijiet interessati.

5. Il-miżuri li jittieħdu minn awtorità regolatorja nazzjonali skont dan l-Artikolu għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti, non-diskriminatorji u proporzjonati. Fejn ikun relevanti, dawn il-miżuri għandhom jitwettqu b'koordinazzjoni mal-awtoritajiet lokali."

*Id-Direttiva 2014/61*

8 Il-premessi 9, 11 u 12 tad-Direttiva 2014/61 huma fformulati kif ġej:

"(9) Miżuri bil-għan li jżidu l-effiċjenza fl-użu tal-infrastrutturi eżistenti u li jnaqqsu l-ispejjeż u x-xkiel biex isiru xogħlijiet ġodda tal-inġinerija ċivili, għandhom jagħtu kontribut sostanzjali biex tkun żgurata l-installazzjoni rapida u estensiva ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja filwaqt li tinżamm kompetizzjoni effettiva, mingħajr ma jintlaqtu ħażin is-sikurezza, is-sigurtà u l-operazzjonijiet bla xkiel tal-infrastrutturi pubbliċi eżistenti.

[…]

(11) Din id-Direttiva għandha l-għan li tistabbilixxi ċerti drittijiet u obbligi minimi applikabbli madwar l-Unjoni sabiex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja u l-koordinazzjoni bejn is-setturi. Filwaqt li jkunu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni minimi, dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-aqwa prattiki u miżuri eżistenti adottati fil-livell nazzjonali u f'dak lokali li jinvolvu aktar dispożizzjonijiet u kondizzjonijiet dettaljati kif ukoll miżuri addizzjonali li jikkumplementaw dawk id-drittijiet u l-obbligi, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

(12) Fid-dawl tal-prinċipju *lex specialis*, meta japplikaw miżuri regolatorji aktar speċifiċi f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, dawk għandhom jieħdu preċedenza fuq id-drittijiet u l-obbligi minimi previsti f'din id-Direttiva. Għaldaqstant din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-komunikazzjoni elettronika stabbilit fid-Direttiva 2002/21/KE […], kif ukoll id-Diretttiva 2002/19/KE […], id-Direttiva 2002/20/KE […], id-Direttiva 2002/22/KE […], u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/77/KE [tas-16 ta' Settembru 2002 dwar kompetizzjoni fis-swieq tan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 178], inklużi l-miżuri nazzjonali adottati skont dak il-qafas regolatorju, bħall-miżuri regolatorji speċifiċi simetriċi jew asimetriċi."

9 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2014/61, intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni", jiddisponi:

"1. Din id-Direttiva għandha l-għan li tiffaċilita u tinċentiva l-introduzzjoni ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja billi tippromovi l-użu konġunt ta' infrastrutturi fiżiċi eżistenti u billi tippermetti installazzjoni aktar effiċjenti ta' infrastrutturi fiżiċi ġodda sabiex tali netwerks ikunu jistgħu jinfirxu bi spiża aktar baxxa.

2. Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi marbuta ma' xogħlijiet ċivili u infrastruttura fiżika, bil-għan li tapprossimizza ċerti aspetti tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri f'dawk l-oqsma.

3. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu miżuri f'konformità mad-dritt tal-Unjoni li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi stabbiliti b'din id-Direttiva bil-għan li jintlaħaq aħjar l-għan imsemmi fil-paragrafu 1.

4. Jekk xi dispożizzjoni ta' din id-Direttiva tkun f'konflitt ma xi dispożizzjoni tad-Direttiva 2002/21/KE, id-Direttiva 2002/19/KE, id-Direttiva 2002/20/KE, id-Direttiva 2002/22/KE jew id-Direttiva 2002/77/KE, id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawk id-Direttivi għandhom ikunu prevalenti."

10 L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/61, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2002/21/KE japplikaw.

Għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'operatur tan-netwerk' tfisser impriża li tipprovdi jew li hija awtorizzata biex tipprovdi netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni kif ukoll impriża li tipprovdi infrastruttura fiżika maħsuba biex tagħti:

(a) servizz ta' produzzjoni, trasport jew distribuzzjoni ta':
   (i) gass,
   (ii) elettriku, inkluż dawl,
   (iii) tisħin;
   (iv) ilma, inkluż ir-rimi jew it-trattament tal-ilma mormi u d-dranaġġ, u sistemi ta' dranaġġ;

(b) servizzi ta' trasport, inkluż linji ferrovjarji, toroq, portijiet u ajruporti".

11 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/61, intitolat "Aċċess għall-infrastruttura fiżika eżistenti", jistabbilixxi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull operatur tan-netwerk ikollu d-dritt li joffri lil impriżi awtorizzati li jipprovdu jew li huma awtorizzati jipprovdu netwerks ta' komunikazzjoni elettronika, aċċess għall-infrastruttura fiżika tiegħu bil-ħsieb li jiġu installati elementi ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. Min-naħa tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu d-dritt li operaturi ta' netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni joffru aċċess għall-infrastruttura fiżika tagħhom bil-ħsieb li jiġu installati netwerks li mhumiex netwerks ta' komunikazzjoni elettronika.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta impriża awtorizzata biex tipprovdi netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni tagħmel talba bil-miktub, kwalunkwe operatur tan-netwerk ikollu l-obbligu li jwieġeb għat-talbiet raġonevoli kollha għal aċċess għall-infrastruttura fiżika tiegħu skont termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, bil-ħsieb li jiġu installati elementi ta' netwerks ta' komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. Tali talba bil-miktub għandha tispeċifika l-elementi tal-proġett li għalih ikun intalab aċċess, inkluż perijodu ta' żmien speċifiku.

[…]

4. Meta l-aċċess jiġi miċħud jew ftehim dwar termini u kundizzjonijiet speċifiċi, fosthom il-prezz, ma jkunx intlaħaq fi żmien xahrejn mid-data tar-riċevuta tat-talba għal aċċess, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull parti tkun intitolata li tirreferi l-kwistjoni lill-korp nazzjonali kompetenti għas-soluzzjoni tat-tilwim.

5. L-Istati Membri għandhom jitolbu lill-korp nazzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim imsemmi fil-paragrafu 4, biex joħroġ, filwaqt li jieħu kont tal-prinċipju tal-proporzjonalità, deċiżjoni vinkolanti biex isolvi t-tilwim mibdi skont il-paragrafu 4, inkluż l-istabbiliment ta' termini u kundizzjonijiet, inklużi prezzijiet ġusti u raġonevoli fejn xieraq.

Il-korp nazzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim għandu jsolvi t-tilwim fl-iqsar żmien possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien erba' xhur mid-data tar-riċevuta tat-talba kompluta għajr f'ċirkostanzi eċċezzjonali, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li xi parti tirreferi l-każ lil qorti.

Meta t-tilwim jirrigwarda l-aċċess għall-infrastruttura ta' fornitur ta' netwerk ta' komunikazzjoni elettronika u l-korp nazzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim ikun awtorità regolatorja, huwa għandu, fejn adatt, jikkunsidra l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/21/KE. Kwalunkwe prezz deċiż mill-korp għas-soluzzjoni tat-tilwim għandu jiżgura li l-fornitur tal-aċċess ikollu opportunità ġusta biex iġib lura l-ispejjeż tiegħu u għandu jqis l-impatt tal-aċċess mitlub fuq il-pjan ta' negozju tal-fornitur tal-aċċess, inkluż l-investimenti magħmula mill-operatur tan-netwerk li lilu ssirlu t-talba għal aċċess, b'mod partikolari fl-infrastrutturi fiżiċi li jintużaw għall-għoti tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja.

[...]"

*Id-Direttiva (UE) 2018/1972*

12 Konformement mal-Artikoli 124 u 125 tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU 2018, L 321, p. 36, rettifiki fil-ĠU 2019, L 334, p. 164, u fil-ĠU 2020, L 419, p. 36), id-Direttivi tal-Aċċess u Qafas huma mħassra b'effett mill-21 ta' Diċembru 2020, data ta' skadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2018/1972.

***Id-dritt Pollakk***

13 Skont l-Artikolu 17(1) u (2) tal-ustawa o wspieraniu rozwoju usług i sieci telekomunikacyjnych (il-Liġi dwar l-Appoġġ għall-Iżvilupp ta' Servizzi u Networks tat-Telekomunikazzjoni), tas-7 ta' Mejju 2010 (iktar 'il quddiem il-"Liġi WRUIST"):

"1. L-operatur tan-network għandu jipprovdi lill-impriżi tat-telekomunikazzjoni b'aċċess għall-infrastruttura fiżika, inkluż il-kondiviżjoni tagħha, sabiex juża network ta' telekomunikazzjoni ta' veloċità għolja.

2. L-aċċess għall-infrastruttura fiżika għandu jkun suġġett għal ħlas, sakemm il-partijiet fil-kuntratt ma jaqblux mod ieħor."

14 L-Artikolu 18(1) sa (3), u (6), tal-Liġi WRUIST huwa fformulat kif ġej:

“1. Il-kundizzjonijiet għal aċċess għall-infrastruttura fiżika, inklużi l-kundizzjonijiet tekniċi, operazzjonali u finanzjarji ta’ kooperazzjoni, għandhom jiġu ddeterminati mill-partijiet f’kuntratt għal aċċess għall-infrastruttura fiżika, li għandu jiġi konkluż bil-miktub, u fin-nuqqas ta’ dan ikun null u vojt.

2. Il-President tal-UKE jista’ jitlob lill-operatur tan-network biex jipprovdi informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-infrastruttura fiżika.

3. Wara li l-operatur tan-network ikun ippreżenta informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-infrastruttura fiżika, il-President tal-UKE, li jaġixxi skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 22(1) sa (3), jista’ jistabbilixxi, permezz ta’ deċiżjoni, il-kundizzjonijiet biex jiġi pprovdut aċċess għall-infrastruttura fiżika. […]

[…]

6. Operatur tan-network li tkun inħarġitlu deċiżjoni dwar id-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-infrastruttura fiżika għandu jkun meħtieġ jikkonkludi l-kuntratti msemmija fil-paragrafu 1 b’kundizzjonijiet li ma jkunux inqas favorevoli minn dawk stabbiliti f’dik id-deċiżjoni.”

15 L-Artikolu 22(1) u (2) tal-Liġi WRUIST jiddisponi:

“1. Il-President tal-UKE għandu joħroġ deċiżjoni dwar l-aċċess għall-infrastruttura fiżika f’perjodu ta’ 60 jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba għal tali aċċess, filwaqt li jqis b’mod partikolari l-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet mhux diskriminatorji u proporzjonati għall-aċċess.

2. Il-President tal-UKE għandu, meta joħroġ deċiżjoni dwar l-aċċess għall-infrastruttura fiżika ta’ impriża tat-telekomunikazzjoni, jiżgura li t-tariffi għal tali aċċess jippermettu r-rimbors tal-ispejjeż imġarrba minn dik l-impriża, b’kont meħud, b’mod partikolari, tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva [2002/21] u tal-impatt tal-aċċess għall-infrastruttura fiżika fuq il-pjan tan-negozju ta’ din l-impriża tat-telekomunikazzjoni, b’mod partikolari fuq l-investimenti li hija għamlet f’networks ta’ telekomunikazzjonijiet ta’ veloċità għolja.”

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

16 TOYA hija impriża Pollakka ta’ telekomunikazzjonijiet u operatur tan-network.

17 Wara proċedura amministrattiva li fil-kuntest tagħha TOYA ġiet mistiedna tipprovdi informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta’ aċċess għall-infrastruttura fiżika tagħha li tikkonsisti f’kanali tal-kejbil u f’kanali tat-telekomunikazzjoni fil-bini, il-President tal-UKE, fil-11 ta’ Settembru 2018, adotta d-deċiżjoni kkontestata.

18 Din hija bbażata, b’mod partikolari, fuq l-Artikolu 18(3) tal-Liġi WRUIST, moqri flimkien mal-Artikolu 17 ta’ din il-liġi. Hija tiddefinixxi l-kundizzjonijiet ta’ aċċess għall-infrastruttura fiżika ta’ TOYA fir-rigward tal-kanali ta’ kejbils u ta’ telekomunikazzjoni fil-bini. Hija timponi

wkoll fuq TOYA l-obbligu li żżomm ruħha lesta li tikkonkludi kuntratti qafas u kuntratti partikolari u li taċċetta t-talbiet ta' aċċess għall-infrastruttura fiżika tagħha konformement mal-kundizzjonijiet ta' aċċess iċċitati iktar 'il fuq.

19 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-President tal-UKE jippreċiża li l-Artikoli 18 u 22 tal-Liġi WRUIST jippermettulu li jiggarantixxi lill-impriżi ta' telekomunikazzjonijiet l-aċċess għall-infrastruttura fiżika, li jinkludi l-qsim ta' din l-infrastruttura, sabiex jistabbilixxi network ta' telekomunikazzjonijiet b'veloċità għolja.

20 Huwa jenfasizza l-konformità tad-deċiżjoni kkontestata mal-għanijiet iddefiniti mid-Direttiva 2014/61, li jikkonċernaw il-vantaġġi marbuta mal-qsim tal-infrastrutturi u n-neċessità li jitneħħew l-ostakoli li jwasslu għal użu ineffikaċi tar-riżorsi eżistenti.

21 Huwa jirrileva li d-deċiżjoni kkontestata ser tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tat-termini, tal-proċeduri u tar-rati tas-suq, marbuta mat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' kanali ta' kejbils u ta' telekomunikazzjoni fil-bini. Konsegwentement, hija twassal għal ugwaljanza fit-trattament tal-operaturi kollha, tikkontribwixxi sabiex tillimita l-ispejjeż ta' akkwist tal-infrastrutturi mill-impriżi ta' telekomunikazzjonijiet li jużaw l-aċċess għall-infrastruttura fiżika u tippermetti aċċess iktar wiesa' għall-kanali tal-kejbils.

22 Il-President tal-UKE jindika, barra minn hekk, li n-natura universali tal-kundizzjonijiet ta' aċċess approvati timmanifesta ruħha mill-fatt li dawn jistgħu jiġu implimentati għall-kooperazzjoni fil-qasam tal-interkonnessjoni minn impriżi ta' telekomunikazzjonijiet li għandhom profili kummerċjali differenti u skala ta' operazzjonijiet differenti. Barra minn hekk, TOYA ma hijiex imċaħħda mill-possibbiltà li tiddetermina l-kontenut tal-kuntratti qafas tagħha, sabiex dawn ikunu adattati għar-regoli ta' funzjonament adottati fi ħdanha.

23 Fuq in-natura proporzjonata tagħha, id-deċiżjoni kkontestata ssemmi li ma kienx hemm possibbiltà oħra sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-infrastruttura fiżika ta' TOYA ħlief permezz ta' deċiżjoni amministrattiva. Id-deċiżjoni kkontestata tippreċiża wkoll li, skont il-President tal-UKE, ir-regoli ta' aċċess stabbiliti fid-deċiżjoni, għalkemm jaffettwaw id-dritt ta' proprjetà ta' TOYA, ma humiex eċċessivament vinkolanti għaliha u jieħdu debitament inkunsiderazzjoni d-drittijiet u l-interessi tagħha.

24 Fid-deċiżjoni kkontestata, huwa indikat ukoll li d-dispożizzjonijiet tal-Liġi WRUIST, dwar il-kundizzjonijiet li jippermettu lill-President tal-UKE jagħti deċiżjonijiet li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-infrastruttura fiżika, la jirreferu għall-portata tal-infrastruttura miżmuma u lanqas għan-numru ta' tilwim li tqajjem il-kwistjoni tal-aċċess għal din l-infrastruttura.

25 F'din id-deċiżjoni, il-President tal-UKE jirrileva, f'dan ir-rigward, li huwa ħa inkunsiderazzjoni l-fatt li TOYA hija obbligata tittratta lill-impriżi b'mod ugwali fit-talba għal aċċess imsemmija fl-Artikolu 17 tal-Liġi WRUIST, u li, fid-dawl tan-neċessità li jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' aċċess proporzjonati, huwa għażel li jiddetermina l-kundizzjonijiet ta' aċċess, billi jadotta miżuri suffiċjenti u, fl-istess ħin, minimi sabiex jiżgura l-għan imfittex minn dan l-aċċess.

26 Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li, minbarra d-deċiżjoni kkontestata, il-President tal-UKE adotta deċiżjonijiet simili ħafna fir-rigward ta' sitt operaturi oħra ta' telekomunikazzjonijiet.

27 TOYA ippreżentat rikors kontra d-deċiżjoni kkontestata quddiem il-qorti tar-rinviju, jiġifieri s-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja, il-Polonja). TOYA tqis li, bis-saħħa tal-Artikolu 3(2) u (5), kif ukoll tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2014/61 u tal-premessa 12 tagħha, moqrija flimkien mal-Artikolu 8(2) u (3) tad-Direttiva tal-Aċċess u l-Artikolu 8(5)(f) tad-Direttiva Qafas, awtorità regolatorja nazzjonali tista' teżiġi l-applikazzjoni ta' offerta ta' riferiment *ex ante* biss min-naħa tal-operaturi li għandhom saħħa sinjifikattiva fis-suq identifikat. Id-deċiżjoni kkontestata tmur kontra d-dritt tal-Unjoni peress li ma saret l-ebda analiżi tas-suq sabiex jiġi stabbilit li TOYA għandha saħħa sinjifikattiva fis-suq, u lanqas ma teżisti tilwima dwar l-aċċess għall-infrastruttura fiżika tagħha, fis-sens tal-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2014/61.

28 Il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-kompatibbiltà tad-deċiżjoni kkontestata, u tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 18(3) tal-Liġi WRUIST li fuqha hija tibbaża, mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) u (4) u l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2014/61, kif ukoll l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva tal-Aċċess, sa fejn, permezz ta' din id-deċiżjoni, il-President tal-UKE jimponi fuq TOYA obbligi regolatorji *ex ante* dwar l-aċċess għall-infrastruttura fiżika tagħha, filwaqt li dan l-aċċess ma kienx jagħti lok għal tilwim, u ma ġiex muri li TOYA għandha saħħa sinifikanti fis-suq.

29 Barra minn hekk, peress li d-Direttiva tal-Aċċess u d-Direttiva Qafas tħassru u ġew issostitwiti bid-Direttiva 2018/1972, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kwistjoni ta' liema huma d-direttivi tal-Unjoni applikabbli f'dan il-każ.

30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 8(3) tad-Direttiva [tal-Aċċess] moqri flimkien mal-Artikolu 3(5) kif ukoll mal-Artikolu 1(3) u (4) tad-Direttiva [2014/61] għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lil awtorità regolatorja nazzjonali milli tkun tista' timponi fuq operatur li għandu infrastruttura teknika u li fl-istess waqt huwa fornitur ta' servizzi jew ta' networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li huma pubblikament disponibbli u li ma ntgħażilx bħala operatur li għandu setgħa sinjifikattiva fis-suq, l-obbligu li japplika l-kundizzjonijiet stabbiliti *ex ante* mill-istess awtorità u li jirregolaw il-modalitajiet ta' aċċess għall-infrastruttura teknika ta' dan l-operatur, inklużi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-konklużjoni ta' kuntratti kif ukoll it-tariffi għall-aċċess applikati, indipendentement mill-eżistenza ta' tilwima dwar aċċess għall-infrastruttura teknika ta' dan l-operatur kif ukoll mill-eżistenza ta' kompetizzjoni effettiva fis-suq?

Alternattivament (verżjoni II):

(2) L-Artikolu 67(1) u (3) moqri flimkien mal-Artikolu 68(2) u (3) tad-Direttiva [2018/1972] moqri flimkien mal-Artikolu 3(5) kif ukoll mal-Artikolu 1(3) u (4) tad-[Direttiva 2014/61], għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lil korp regolatorju nazzjonali milli jkun jista' jimponi fuq operatur li għandu infrastruttura teknika u li fl-istess waqt huwa fornitur ta' servizzi jew ta' networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li huma pubblikament disponibbli u li ma ntgħażilx bħala operatur li għandu setgħa sinjifikattiva fis-suq, l-obbligu li japplika l-kundizzjonijiet stabbiliti *ex ante* mill-istess awtorità u li jirregolaw il-modalitajiet ta' aċċess għall-infrastruttura teknika ta' dan l-operatur, inklużi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri

għall-konklużjoni ta' kuntratti kif ukoll it-tariffi għall-aċċess applikati, indipendentement mill-eżistenza ta' tilwima dwar aċċess għall-infrastruttura teknika ta' dan l-operatur kif ukoll mill-eżistenza ta' kompetizzjoni effettiva fis-suq?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Osservazzjonijiet preliminari*

31 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li ż-żewġ domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju huma, fil-mertu, identiċi, u sempliċement ivarjaw f'dak li jikkonċerna l-kuntest ġuridiku li fid-dawl tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tirrispondi għalihom. Fil-fatt, filwaqt li, permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artikolu 1(3) u (4) kif ukoll lill-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2014/61 u lill-Artikolu 8(3) tad-Direttiva tal-Aċċess, it-tieni domanda tirreferi għall-istess dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/61 u, alternattivament, għall-Artikolu 67(1) u (3), kif ukoll għall-Artikolu 68(2) u (3) tad-Direttiva 2018/1972.

32 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata fil-11 ta' Settembru 2018. Issa, kif ġie rrilevat fil-punt 12 ta' din is-sentenza, f'din id-data, id-Direttivi tal-Aċċess u Qafas kienu kompletament fis-seħħ, peress li d-Direttiva 2018/1972 kienet għadha ma ġietx adottata.

33 Għaldaqstant, hija biss l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi tal-Aċċess u Qafas, bl-esklużjoni ta' dawk tad-Direttiva 2018/1972, li ma hijiex applikabbli *ratione temporis*, li hija rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk dawn id-dispożizzjonijiet jipprekludux il-prassi ta' awtorità regolatorja nazzjonali bħal dik tal-President tal-UKE fil-kawża prinċipali.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda preliminari.

### *Fuq l-ewwel domanda*

35 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 1(3) u (4) kif ukoll l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2014/61, moqrija flimkien mal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva tal-Aċċess, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li awtorità regolatorja nazzjonali kompetenti fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi tobbliga lil operatur tan-network, li ma jkunx ġie identifikat bħala li għandu saħħa sinjifikattiva fis-suq, milli japplika l-kundizzjonijiet, kif iddeterminati *ex ante* minn din l-awtorità, li jirregolaw il-modalitajiet ta' aċċess, minn impriżi oħra attivi f'dan il-qasam, għall-infrastruttura fiżika ta' dan l-operatur, inklużi r-regoli u l-proċeduri għall-konklużjoni ta' kuntratti kif ukoll it-tariffi applikati għal dan l-aċċess, indipendentement mill-eżistenza ta' tilwima dwar l-imsemmi aċċess u ta' kompetizzjoni effettiva.

36 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem ta' din id-dispożizzjoni, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija permezz tal-leġiżlazzjoni li hija tagħmel parti minnha (sentenza tas-26 ta' Frar 2019, Rimšēvičs u BĊE vs Il-Latvja, C-202/18 u C-238/18, EU:C:2019:139, punt 45 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

37 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kliem u tal-kuntest tal-imsemmija dispożizzjonijiet, għandu, qabelxejn, jiġi rrilevat, kif jenfasizza l-Avukat Ġenerali, fil-punt 37 tal-konklużjonijiet tiegħu, li mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/61 jirriżulta li din għandha kamp ta' applikazzjoni wiesa', li jkopri l-operaturi kollha ta' networks, irrispettivament minn jekk ġewx identifikati jew le bħala li għandhom saħħa sinjifikattiva fis-suq.

38 Għalhekk, l-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva jiddefinixxi l-"operatur tan-network" bħala impriża li tipprovdi jew tawtorizza li tipprovdi networks ta' komunikazzjonijiet pubbliċi, kif ukoll impriża li tipprovdi infrastruttura fiżika intiża sabiex tipprovdi servizz ta' ġenerazzjoni, ta' trażmissjoni jew ta' distribuzzjoni ta' gass, ta' elettriku, ta' servizz ta' tisħin jew ta' ilma, kif ukoll ta' servizzi ta' trasport. Għandu jiġi kkonstatat li din id-definizzjoni ma tinkludi ebda riferiment għas-saħħa tas-suq ta' din l-impriża, għall-portata tal-ishma tas-suq li hija għandha, u lanqas għan-natura kompetittiva tas-suq li topera fih.

39 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/61, dwar l-aċċess għall-infrastrutturi fiżiċi eżistenti, jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu, id-dritt ta' kull operatur tan-network li joffri lill-impriżi li jipprovdu jew li huma awtorizzati li jipprovdu networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi aċċess għall-infrastrutturi fiżiċi tiegħu. Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi wkoll, fil-paragrafu 2 tagħha, obbligu fuq kull operatur tan-network, kemm jekk ikun ġie identifikat jew le bħala li għandu saħħa sinjifikattiva fis-suq, li jilqa' kull talba raġonevoli ta' tali impriża intiża għall-aċċess għall-infrastrutturi fiżiċi tagħha skont modalitajiet u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-livell tal-prezz, għall-installazzjoni ta' elementi ta' networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi b'veloċità għolja.

40 Jekk l-aċċess jiġi rrifjutat jew jekk ma jkun intlaħaq ebda ftehim, bejn l-operatur tan-network proprjetarju tal-infrastruttura fiżika u l-impriża li titlob li jkollha aċċess għalih, fuq l-imsemmija modalitajiet u l-imsemmija kundizzjonijiet speċifiċi, l-Artikolu 3(4) ta' din id-direttiva jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jiżguraw li kull parti tkun awtorizzata tressaq il-każ quddiem il-korp nazzjonali kompetenti fil-qasam tar-riżoluzzjoni tat-tilwim. Dan il-korp għandu għalhekk, konformement mal-Artikolu 3(5) tal-imsemmija direttiva, jadotta deċiżjoni vinkolanti sabiex isolvi t-tilwima billi jiffissa, fil-każ ta' għoti ta' aċċess, modalitajiet u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, fosthom, jekk ikun il-każ, il-prezz.

41 Konsegwentement, fir-rigward tal-intervent tal-awtoritajiet nazzjonali dwar l-aċċess, għall-impriżi li jipprovdu jew li huma awtorizzati li jipprovdu networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, għall-infrastrutturi fiżiċi ta' network eżistenti fl-Unjoni, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/61 huwa ddedikat għar-riżoluzzjoni *ex post* ta' tilwim. Din id-dispożizzjoni ma tipprovdix espressament il-possibbiltà li jiġu stabbiliti, b'mod preventiv, u lil hinn minn kull tilwima speċifika, obbligi regolatorji *ex ante* dwar l-aċċess għall-infrastruttura fiżika ta' operatur tan-network, bħal dawk li ġew imposti fuq TOYA mill-President tal-UKE fil-kawża prinċipali.

42 Madankollu, la l-imsemmi Artikolu 3 u lanqas ebda dispożizzjoni oħra tad-Direttiva 2014/61 ma jipprojbixxu espressament l-istabbiliment ta' tali obbligi regolatorji *ex ante* dwar l-aċċess għall-infrastruttura fiżika ta' operatur tan-network.

43 F'dan ir-rigward, mill-Artikolu 1(2) u (3) tad-Direttiva 2014/61, moqri fid-dawl tal-premessa 11 ta' din id-direttiva, jirriżulta li din tistabbilixxi biss rekwiżiti minimi, u li l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu miżuri konformi mad-dritt tal-Unjoni li jmorru lil hinn mill-imsemmija rekwiżiti sabiex jintlaħaq l-għan bażiku tal-imsemmija direttiva, kif stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu 1.

44 Madankollu, mill-Artikolu 1(4) ta’ din id-direttiva, moqri fid-dawl tal-premessa 12 tagħha, jirriżulta li, fil-każ ta’ kunflitt bejn dispożizzjoni tal-imsemmija direttiva u dispożizzjoni tad-direttivi l-oħra msemmija fl-imsemmi Artikolu 1(4), fosthom id-Direttiva Qafas u d-Direttiva tal-Aċċess, id-dispożizzjonijiet rilevanti ta’ dawn id-direttivi l-oħra jipprevalu.

45 Minn din ir-regola ta’ kunflitt jirriżulta li hemm lok ukoll, sabiex tingħata risposta għall-ewwel domanda, li jiġi eżaminat jekk l-istess direttivi, u b’mod iktar partikolari d-Direttivi Qafas u tal-Aċċess, jipprekludux miżuri adottati minn awtorità regolatorja nazzjonali fil-qasam tal-aċċess għall-infrastruttura fiżika ta’ operatur tan-network, bħal dawk adottati mill-President tal-UKE fil-kawża prinċipali.

46 F’dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva tal-Aċċess jipprevedi li, bħala prinċipju, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ma jimponux l-obbligi ta’ trasparenza, ta’ nondiskriminazzjoni, ta’ separazzjoni tal-kontabbiltà, ta’ aċċess u ta’ użu ta’ riżorsi ta’ network speċifiċi, u ta’ kontroll tal-prezzijiet u ta’ kontabbiltà tal-ispejjeż, kif iddefiniti fl-Artikoli 9 sa 13 ta’ din id-direttiva, fuq l-operaturi ta’ network li ma ġewx identifikati permezz ta’ analiżi tas-suq bħala li għandhom saħħa sinjifikattiva fis-suq.

47 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat, bħalma għamel l-Avukat Ġenerali, fil-punti 33 tal-konklużjonijiet tiegħu, li din il-projbizzjoni ta’ prinċipju li tirriżulta mill-Artikolu 8(3) tad-Direttiva tal-Aċċess għandha diversi eċċezzjonijiet. Skont uħud minnhom, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu, b’mod partikolari, jimponu obbligi regolatorji *ex ante* fil-qasam tal-aċċess għall-infrastruttura fiżika fuq operaturi ta’ network li mhux neċessarjament ikollhom saħħa sinjifikattiva fis-suq inkwistjoni.

48 Għalhekk, l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Aċċess jipprevedi li, sabiex jintlaħqu l-għanijiet esposti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva Qafas, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jinkoraġġixxu u, jekk ikun il-każ, jiżguraw aċċess u interkonnessjoni adegwati, kif ukoll l-interoperabbiltà tas-servizzi, u jwettqu, b’mod partikolari, il-kompitu tagħhom b’mod li jippromwovu l-effiċjenza ekonomika, jiffavorixxu kompetizzjoni sostenibbli, u jagħtu benefiċċju massimu lill-utent finali. Għal dan il-għan, din id-dispożizzjoni tippermetti, b’mod partikolari, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jimponu, sa fejn huwa neċessarju sabiex tiġi żgurata l-konnettività tarf sa tarf jew sabiex jagħmlu s-servizzi interoperabbli, obbligi fuq l-impriżi li jikkontrollaw l-aċċess għall-utenti finali, u dan indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk dawn l-impriżi għandhomx saħħa sinjifikattiva fis-suq (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta’ Settembru 2015, KPN, C-85/14, EU:C:2015:610, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni tippreċiża li, sabiex jintlaħqu l-għanijiet elenkati fl-Artikolu 8 tad-Direttiva Qafas fil-kuntest partikolari tal-aċċess u tal-interkonnessjoni, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom awtonomija ta’ intervent, u mezzi ta’ azzjoni li ma humiex elenkati b’mod eżawrjenti (ara, f’dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta’ Novembru 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-227/07, EU:C:2008:620, punt 65; tat-12 ta’ Novembru 2009, TeliaSonera Finland, C-192/08, EU:C:2009:696, punti 58 sa 60, u tas-17 ta’ Settembru 2015, KPN, C-85/14, EU:C:2015:610, punt 36).

50 L-Artikolu 12 tad-Direttiva Qafas jawtorizza wkoll lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jimponu, mingħajr ma jkunu kkonstataw minn qabel li l-operatur ikkonċernat għandu saħħa sinjifikattiva fis-suq, obbligi dwar il-kollokazzjoni u l-kondiviżjoni ta’ elementi ta’ network u ta’ riżorsi assoċjati.

51 Fl-aħħar, għandu jiġi kkonstatat ukoll li ebda dispożizzjoni tad-Direttivi tal-Aċċess u Qafas ma tissuġġetta l-impożizzjoni fuq operatur tan-network, minn awtorità regolatorja nazzjonali, ta' obbligi regolatorji *ex ante* fil-qasam tal-aċċess għall-infrastruttura fiżika, għall-eżistenza ta' tilwim speċifiku bejn l-imsemmi operatur u l-impriżi li jitolbu aċċess għalihom.

52 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, mill-kliem u mill-kuntest tal-Artikolu 1(3) u (4) kif ukoll mill-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2014/61, moqrija flimkien mal-Artikolu 1(1), mal-Artikolu 5(1), u mal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva tal-Aċċess, kif ukoll flimkien mal-Artikoli 8 u 12 tad-Direttiva Qafas, jirriżulta li l-assenza ta' tilwim speċifiku bejn l-operatur tan-network li għandu infrastruttura fiżika u impriża li titlob aċċess għalih, kif ukoll il-fatt li ma ġiex stabbilit minn qabel li dan l-operatur għandu setgħa sinifikanti fis-suq inkwistjoni jew li dan is-suq ma jippreżentax kompetizzjoni effettiva, ma jistgħux jipprevjenu l-impożizzjoni, mill-awtorità regolatorja nazzjonali kompetenti, ta' obbligi regolatorji *ex ante* f'termini ta' aċċess għall-infrastruttura fiżika tal-operatur imsemmi.

53 Fit-tieni lok, tali interpretazzjoni letterali u kuntestwali hija kompletament ikkorroborata mill-interpretazzjoni teleoloġika tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi 2014/61, tal-Aċċess u Qafas.

54 F'dan ir-rigward, għandu, minn naħa, jiġi rrilevat li d-Direttiva 2014/61 hija intiża, konformement mal-Artikolu 1(1) tagħha, sabiex tiffaċilita u tinkoraġġixxi l-installazzjoni tan-networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi b'veloċità għolja billi tippromwovi l-użu konġunt tal-infrastrutturi fiżiċi eżistenti u billi tippermetti installazzjoni iktar effiċjenti ta' infrastrutturi fiżiċi ġodda sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż marbuta mal-implimentazzjoni ta' dawn in-networks.

55 Issa, għandu jiġi kkonstatat li prassi bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tikkonsisti fl-iffissar ta' kundizzjonijiet minimi *ex ante* ta' aċċess għall-infrastruttura fiżika ta' operatur tan-network, lil hinn minn kull tilwima speċifika, u mingħajr ma jkun ġie stabbilit minn qabel li dan l-operatur kellu saħħa sinjifikattiva fis-suq, hija ta' natura li tikkontribwixxi għall-għan ġenerali tad-Direttiva 2014/61, sa fejn tippromwovi u tiffaċilita l-użu konġunt tal-infrastrutturi fiżiċi eżistenti. B'mod iktar speċifiku, hija tikkontribwixxi wkoll, kif isemmu l-Gvern Pollakk u l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, u kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 43 tal-konklużjonijiet tiegħu, sabiex jiġu evitati t-tilwim dwar l-aċċess għall-infrastruttura fiżika tal-operatur tan-network, u għalhekk tipparteċipa fl-għan li jiġu riżolti t-tilwim sottostanti fl-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, kif tfakkar fil-punt 41 ta' din is-sentenza.

56 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat li tali prassi tikkontribwixxi wkoll sabiex jintlaħqu l-għanijiet prinċipali ddefiniti mid-Direttivi tal-Aċċess u Qafas. Fil-fatt, sa fejn tippromwovi u tiffaċilita l-użu konġunt tal-infrastrutturi fiżiċi eżistenti, l-imsemmija prassi tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kompetizzjoni sostenibbli, għat-tisħiħ tal-interoperabbiltà tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, għall-iżvilupp tas-suq intern f'dan is-settur, u insostenn tal-interessi taċ-ċittadini u tal-konsumaturi tal-Unjoni Ewropea, għanijiet b'mod partikolari stabbiliti fl-Artikolu 8(2) sa (4) tad-Direttiva Qafas u fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Aċċess.

57 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 1(3) u (4) kif ukoll l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2014/61, moqrija flimkien mal-Artikolu (1), l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva tal-Aċċess, kif ukoll flimkien mal-Artikoli 8 u 12 tad-Direttiva Qafas, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li awtorità regolatorja nazzjonali kompetenti fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi tobbliga lil operatur tan-network, li ma jkunx ġie identifikat bħala li għandu saħħa sinjifikattiva fis-suq,

milli japplika l-kundizzjonijiet, kif iddeterminati *ex ante* minn din l-awtorità, li jirregolaw il-modalitajiet ta' aċċess, minn impriżi oħra attivi f'dan il-qasam, għall-infrastruttura fiżika ta' dan l-operatur, inklużi r-regoli u l-proċeduri għall-konklużjoni ta' kuntratti kif ukoll it-tariffi applikati għal dan l-aċċess, indipendentement mill-eżistenza ta' tilwima dwar l-imsemmi aċċess u ta' kompetizzjoni effettiva.

**Fuq l-ispejjeż**

58 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 1(3) u (4), u l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2014/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, moqri flimkien mal-Artikolu 1(1), l-Artikolu 5(1), u l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva ta' l-Aċċess), kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009, kif ukoll flimkien mal-Artikoli 8 u 12 tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349), kif emendata bid-Direttiva 2009/140,**

**għandhom jiġu interpretati fis-sens li:**

**ma jipprekludux li awtorità regolatorja nazzjonali kompetenti fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi tobbliga lil operatur tan-network, li ma jkunx ġie identifikat bħala li għandu saħħa sinjifikattiva fis-suq, milli japplika l-kundizzjonijiet, kif iddeterminati *ex ante* minn din l-awtorità, li jirregolaw il-modalitajiet ta' aċċess, minn impriżi oħra attivi f'dan il-qasam, għall-infrastruttura fiżika ta' dan l-operatur, inklużi r-regoli u l-proċeduri għall-konklużjoni ta' kuntratti kif ukoll it-tariffi applikati għal dan l-aċċess, indipendentement mill-eżistenza ta' tilwima dwar l-imsemmi aċċess u ta' kompetizzjoni effettiva.**

Firem